**Minuti tat-5 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar il-Ħamis 13 ta' Novembru 2014 fil-5:00 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa u spiċċat fil-6.30 P.M.**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Kerstin Gatt<br>Is-Sur. Joe Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sur. Saliba laqa lis-Sur. Joe Borg bħala membru ġdid fil-Kumitat Amministrattiv. Huwa qal li dan ġie nominat billi ma kienx hemm biżejjed persuni biex jkun hemm elezzjoni.

3.2 Is-Sur. Saliba semma li fuq l-email li kienet intbagħtet lill-Prim Ministru fuq l-ilmenti pendenti għandha tintbagħat lill-Ministru Joe Mizzi bħala reminder peress li dan l-item kien ilu pendenti.

3.3 Is-Sur. Saliba saqsa lis-Segretarju meta se jsir ir-railing tal-Housing Estate li tinżel ġo Triq Wied in-Noqor. Is-Segretarju qal li se jibgħat għall kuntrattur biex dan jiġi jara x' hemm bżonn.

3.4 Is-Sur. Saliba reġa saqsa meta se jitkompla l-madum fuq il-parti ta wara tal-Kappella li hemm nieqes. Is-Sur. Borg issuġġerrixxa boex fejn m' hemmx Bandli issir xi ħaġa li tista isservi iktar għal bżonnijiet tal-Komunita. Is-Segretarju ssuġġerrixxa biex kif għadu ma bediex ix-xogħol il-membri tal-Kumitat Amministrattiv jressqu s-suġġerrimenti tagħhom lis-Sindku u jiddiskutuhom.

3.5 Is-Sur. Borg issuġġerrixxa biex quddiem il-gates tal-Family Park ikun hemm barriers biex jekk jaqsmu t-tfal ma jkunx hemm periklu jekk dawn jaqsmu.

3.6 Is-Sur. Borg semma wkoll biex isiru bankijiet fejn hemm il-laying areas biex il-ġenituri jkunu jistgħu josservaw it-tfal tagħhom waqt li huma jitbandlu. Is-Segretarju qal li fuq din il-proposta diġa kien hemm diskussjonijiet mal-Perit u kif dawn jistgħu jsiru.

3.7 Is-Sur. Borg qal li hemm kwantita ta siġar tax-xewk quddiem Block F li jistgħu jinqatgħu. Is-Segretarju qal li daqt se jkun qd jibda l-kuntrattur il-ġdid tas-soft areas fejn nistgħu nuruh dawn ix-xogħolijiet ħalli huwa jagħmilhom

3.8 Is-Sur. Gatt semma li hemm kanal fi Triq San Vinċenż li dan qed iżomm l-ilma ġo fih. Is-Segretarju qal li huwa se jkun qed jiċċekkja dwaru.

3.9 Is-Sur. Saliba qal li d-dawl li hemm jagħti mill-Housing Estate għall Triq Wied in-Noqor jinsab maqtugħ. Is-Segretarju qal li se jkun qed ikellem lill-electrician fuqu.

## 4. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ħamis 13 ta' Novembru 2014 fis-6.30 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-11 ta' Diċembru issuġġerritta għal laqgħa.